MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 456/2014

**Gabriella Bugeja – ID 369777M**

**vs**

**Stephen Abela – ID 513876M**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ tlett elf erba’ mija u tlieta u disghin Ewro u tmenin centezmi (€3,493.80) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra illi fis-seduta tallum deher l-Avukat Dr Richard Sladden li ghan-nom tal-konvenut ammetta it-talba attrici kif dedotta u kkonferma li l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elf erba’ mija u tlieta u disghin Ewro u tmenin centezmi (€3,493.80).

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett elf erba’ mija u tlieta u disghin Ewro u tmenin centezmi (€3,493.80), b’dana illi l-hlas ghandu jsir fi zmien sentejn mil-lum permezz ta’ pagamenti mensili, b'dana li jekk jonqos pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih. Bi qbil bejn il-partijiet l-

ispejjez jibqaw bla taxxa bejn il-partijiet, u ma ghandu jiddekorri l-ebda imghax fuq l-ammont dovut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------